**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Gunju 2019**

**Talba Nru: 522/18 CZ**

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**vs.**

**Dr. Joseph Ellis li b'digriet tat-30 ta' Mejju 2014 gie nominat bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Scott Paul Anthony Buttigieg (K.I. numru 32162 I(A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-bank attur imressqa fil-5 ta' Novembru 2018 li biha premetta:

Illi Scott Paul Anthony Buttigieg jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat'elef, mitejn u disgha u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,259.49), bilanc ghad-debitu fil-*Consumer Loan* tieghu mal-Bank of Valletta plc (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 t'Ottubru 2018, sal-jum tal-

pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 3 ta’ Mejju 2018 (Dok. B), u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment.

Illi interpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, Scott Paul Anthony Buttigieg baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-socjeta’ attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-Ligi hawn aness u markat Dok. C.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta’ Jannar 2019 li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament il-preskrizzjoni tat-talba attrici ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent noe. mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u jirriserva li jdahhal risposta ulterjuri jekk opportun.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi b'digriet tat-30 ta' Jannar 2019, in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi.

Ra l-verbal tal-11 ta' Marzu 2019 fejn il-konvenut iddikjara illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghed jistrieh fuq l-atti u ghall-fini tal-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 iddikjara li huwa fi kwalita' tieghu ta' kuratur deputat tal-konvenut assenti mhuwiex f'pozizzjoni li jottempera ruhu mal-vot tal-Ligi.

Ra wkoll illi fl-istess seduta l-avukat difensur tal-bank attur talab illi l-kuratur deputat jiddijkara jekk hux qed jinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, gialdarba fi kliemu stess ma jistax jissodisfa r-rekwiziti tal-istess eccezzjoni, ghal liema l-konvenut wiegeb billi ddikjra illi una volta ma rtirax l-eccezzjoni, qieghed jinsisti fuqha.

Sema' x-xiehda ta' **<u>Graziella Perrone</u>**, Relationship Manager (Debt Management Department) tal-bank attur, li qalet li hejjiet id-dokumenti li gie anness mat-talba promotrici, u cioe' Dok. A a fol. 2 tal-process, li huwa rendikont tal-kont ta' self in kwestjoni. Qalet ukoll li hija dovuta lill-bank attur is-somma ta' erbat'elef, mitejn u disgha u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,259.49) flimkien mal-imghax mid-19 t'Ottubru 2018. Minn dakinhar li saret il-kawza, hadd ma avvicinahom dwar dan il-kont. L-ahhar hlas f'dan il-kont sar fl-1 t'Awwissu 2012.

Ra illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra n-nota ta' referenzi prezentata mill-bank attur fl-10 ta' Gunju 2018.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut isejjes id-difiza tieghu fl-ewwel lok fuq Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

> 2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:
>
> (a) l-azzjonijiet għal annati ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' mgħaxijiet ta' ċnus bollali li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu, 1862 u għall-ħlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' fondi enfitewtiċi;
>
> (b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;
>
> (ċ) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba';
>
> (d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;
>
> (e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;
>
> (f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;
>
> (g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra:
>
> Iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (ċ), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin.

Illi ghalkemm il-konvenut ma ndikax that liema sub-artikolu partikolari tal-artikolu fuq imsemmi qed jeccepixxi l-preskrizzjoni , it-Tribunal qed jifhem li l-konvenut qed jirreferi ghall-Artikolu 2156 (e) u occorrendo (f).

Illi dak li jehtieg jindaga dan it-Tribunal f'dan il-punt huwa jekk il-kovenut qua kuratur setax jilqa' ghat-talba attrici permezz ta' din l-eccezzjoni.

Illi fis-sentenza *Bank of Valletta plc vs. Dr. Patrick Valentino noe et.*[1], hemm indikat illi:

> Fid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Casapinta Design Group Ltd vs Dr. Tonio Azzopardi noe. decizzjoni moghtija ferm qabel l-emmendi diskussi inghad-14
>
> "Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-kazijiet fejn kuratur bhal dan jeccepixxi l-preskrizzjoni. Jinsab pacifikament assodat, almenu sa mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civile, tas-17 ta' Gunju 1881 fil-kawza flismijiet "**Dr. Francesco Sammut nomine -vs- Dr. Giuseppe Rocco Peralta nomine et**", (**Vol. IX p 459**), illi lil kuratur ma jistax jigi defirit il-gurament anke jekk jeccepixxi l-preskrizzjoni. Dan ghall-motiv illi "se questo è un curatore d' ufficio è ignaro dei fatti, non puo ne affermare ne negare" ("**Fto. Calleja et -vs- Ant. Mangion nomine**", Appell Civili, 22 ta' Frar 1892 a **Vol. XIII p 112**). Kif ulterjorment enuncjat, "il provvedimento voluto dall' attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto da alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato" - " **Carlo Farrugia Satariano -vs- Dr. Gius. Frendo Azzopardi et**", Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1920 (**Vol. XXIV P II p 97**); "

Illi f'dik is-sentenza, il-Qorti kompliet biex ghamlet distinzjoni bejn il-gurament decizorju li kien jinghata qabel l-emendi ricenti li saru fuq dak l-artikolu partikolari tal-ligi, u l-gurament decizorju fis-sura gdida li ghandu llum, u cioe' gurament decizorju li jrid jittiehed bilfors mill-allegat debitur (u mhux jinghata a diskrezzjoni tal-kreditur), u li fih huwa ghandu jiddikjara mhux biss li m'ghandux x'jaghti, izda wkoll x'inhi r-raguni.

Artikolu 2160 fil-fatt jipprovdi illi:

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili – per. Onor. Imhallef M. Hayman, 17 ta' Jannar 2018.

2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa

Madankollu sub-artikolu (3) mbaghad ikompli:

> (3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur

Illi l-kuratur li jidher ghall-konvenut fil-kawza odjerna ccita l-artikolu appena msemmi u qal li ma jisax jiehu gurament u jindika dak li titlob il-ligi.

Illi fis-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti fil-fatt kompliet:

> Isegwi allura lli lanqas m'ghadu jista jigi sollevat li ma jistax jigi defirit il-gurament decisorio lil deputat kuratur, ghaliex issa dan darba li ghazel il-linja ta' preskrizzjoni bhala difiza, irid tassativament **minn jeddu** jitla u jistqarr dak miltlub minnu *ex lege*. Mela kull kuratur deputat jista jissolva tali eccezzjoni pero jinhtieglu illi jkun ben ighammar bl-informazzjoni li trid minnu l-ligi biex jkun jista jsostni l-eccezzjoni minnu mressqa. Lanqas ghalhekk ma baqa l-kaz llum li wiehed jitkellem fuq gurament defirit lil debitur ghaliex biex id-debitur issostni b'success l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwenali waqa fuqu l-piz li jaghti dan il-gurament, m'ghadux il-kaz fejn l-attur jistrieh fuq il-kuxxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eccezzjoni mressqa ma ssibx success.[2]

Illi l-ligi kif giet emendata ghalhekk tghaddi l-piz tal-eccezzjoni kollu fuq l-allegat debitur, minghajr ebda distinzjoni. Ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 2160 ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn kuratur jaf fil-maggoranza tal-kazijiet tfisser illi l-kuratur ma jkunx jista' jsostniha, il-ligi hija ffurmata b'mod li ma taghmel l-ebda distinzjoni jekk id-debitur ikunx l-allegat debitur propju jew kuratur li jirraprezentah. Ghalhekk ma jidhirx li l-kuratur jista' jissodisfa dak li jrid l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, u ghalkemm din is-sitwazzjoni

[2] Ibid.

sejra tippenalizza lill-allegat debitur fejn ikun hemm kuratur, il-kliem tal-Ligi ma jhalli l-ebda ghazla ohra lit-Tribunal ghajr li jiddikjara illi l-konvenut ma rnexxielux jissodisfa dak li jirrikjedi l-artikolu appena msemmi, u ghalhekk ma tistax tirnexxilu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi mill-bqija, il-konvenut eccepixxa illi mhuwiex edott mill-fatti li jikkoncernaw lill-allegat debitur, izda oltre dan ma ngabet l-ebda prova ohra, u ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tirnexxi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talba tal-bank attur, u jikkundanna ghalhekk lil Dr. Joseph Ellis qua kuratur ta' Scott Paul Anthony Buttigieg ihallas lill-bank attur is-somma ta' erbat'elef, mitejn u disgha u hamsin Euro u disgha u erbghin centezmu (€4,259.49), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, kif mitluba, jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur